# Il-Kwadru tal-Madonna tal-Konsolazzjoni fil-Parroċċa ta' Ħal Lija

Il-knejjes imxerrda ma' Malta u Għawdex huma miżgħuda bi kwadri li ħarġu mill-pinzell ta' artisti magħrufa. Fost dawn il-kwadri l-aktar li jispikkaw huma dawk dedikati lill-Madonna taħt id-diversi tituli.

Il-Knisja parrokkjali ta' Ħal Lija mhix nieqsa minn dan it-tiżjin, it-titular tagħha li jirrappreżenta t-Trasfigurazzjoni ta' Kristu hu xogħol ta' l-artist magħruf Mattia Preti.[1] Artisti oħra li għamlu isem fi żmienhom u li nsibu xi pittura minn tagħhom huma Alessio Erardi bil-kwadru tiegħu dedikat lill-Madonna tar-Rużarju, Giuseppe d'Arena bil-kwadru dedikat lil Santu Rokku u San Bastjan, il-kwadru dedikat lis-Salib xogħol ta' Giuseppe Calì, l-artist Lażżru Pisani bil-kwadru tiegħu dedikat lil Santa Rożalja u Sant' Alfons Maria de Liguori u ż-żewġ kwadri taħt it-titoli tal-Madonna tal-Karmnu u tal-Madonna tal-Konsolazzjoni li ħarġu mill-id Giuseppe Hyzler (1787-1858).[2] Jista' jagħti l-każ li minħabba l-marda li kellu lejn l-aħħar snin ta' ħajtu kien jiġi mgħejjun mill-artist Giuseppe Calleja (1828-1915)[3] biex ikun jista' jispiċċa x-xogħlijiet fdati lilu.

Fl-ewwel kwart tas-seklu dsatax trawmet ġo Ruma għaqda kważi reliġjuża

---

1 Għal iżjed tagħrif fuq ir-raħal ta' Ħal Lija u l-parroċċa tiegħu, ara Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija Storja – Arkitettura – Pittura, ed. V. Borg, Malta 1982 u Ħal Lija Ħarsa Lejn l-Imgħoddi, ed. Ġ. Fenech, Malta 1994.

2 Wieħed jista' jsib ħafna aktar informazzjoni fuq dan l-artist u żmenijietu fi: M. Buhagiar, The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 Painting, Italy 1988, 166-70; D. Cutajar, 'Trends and Influences in Maltese Art 1800-1964', fi The British Colonial Experience 1800-1964: The Impact on Maltese Society, ed. V. Mallia-Milanes, Malta 1988, 232-61 u E. Fiorentino, Il-Pittura f'Malta fis-Seklu Dsatax, Malta 2006, 33-46.

3 Għal aktar tagħrif fuq dan l-artist, ara J. Calleja, Giuseppe Calleja 1828-1915 The Man The Teacher The Artist, Malta 1992.

ta' pitturi li ħolqu bejniethom dak li beda jissejjah il-'Moviment Nazaren'.[4] Fil-fehma tagħhom l-istil Barokk li kien evolut qabilhom u li kien għamel isem ma kienx iqanqal għal devozzjoni ġenwina mill-qalb. L-għajn kellha biex titpaxxa iżda l-qalb ma tħoss ebda sentiment reliġjuż li jqanqal qima lejn Alla jew lejn il-qaddisin meta tħares



lejh. Bdew jimitaw stil ieħor mibdi minn ċertu Fra Angelo li għex fil-bidu tar-Rinaxximent, stil fuq sistema ta' attitudni reliġjuża li timliek b'emozzjonijiet u sentimenti reliġjużi waqt mumenti ta' riflessjoni.

L-artist Giuseppe Hyzler kien membru ewlieni fi ħdan dan il-'Moviment Nazaren'. Meta fl-1822 irritorna lejn Malta minn Ruma għax kien temm l-istudji tiegħu saħaq li ried jeqred l-arti sagra eżistenti lokali minn ħjilijiet pagani. Hawnhekk mhux il-post li niddiskutu u nargumentaw x'għamel biex jirnexxi f'dan il-għan, iżda ngħoġob u kellu ħafna kummissjonijiet mill-

4 Għal iżjed tagħrif fuq dan il-Moviment u x'effett kellu fuq l-arti f'Malta, ara A. Espinosa Rodriguez, The Nazarene Movement and its Impact on Maltese Nineteenth Century Art, teżi mhux ippublikata tal-M.A. 1997, Università ta' Malta.

awtoritajiet ekklesjastiċi Maltin u Għawdxin speċjalment f'dak li jirragwarda l-Madonna taħt titoli sagri differenti, qaddisin protetturi tal-parroċċa u lil Kristu, speċjalment meqjum fil-Qalb Imqaddsa Tiegħu.

Nhar is-7 ta' Novembru 1848, Giuseppe Hyzler ġie kummissjonat biex ipitter kwadru ntitolat il-Madonna tal-Konsolazzjoni għall-parroċċa ta' Ħal Lija.[5] Il-perit Gaetano Xerri minn Ħal Lija stess, li kien il-benefattur biex ħareġ il-flus meħtieġa, qabbad lis-sur Paolo Attard bħala l-prokuratur tiegħu biex jieħu ħsieb jagħmel kuntatt ma' dan l-artist.[6] Skond il-ftehim milħuq bejniethom, apparti l-figura ċentrali tal-Madonna, il-kwadru kellu jinkludi wkoll lil Santu Wistin, Santa Monika, San Ġwakkin u Sant'Anna u li jekk ikun hemm spazju biżżejjed jinkludi wkoll lil Sant' Injazju ta' Loyola.[7] Hyzler intrabat ukoll li fil-każ li ma jkunx hemm post adegwat fuq it-tila sabiex jinkludi lil Sant' Injazju, kellu jpittru fi kwadru separat ieħor.[8] Minbarra l-pittura ta' dan il-kwadru, Hyzler aċċetta li jindura l-faċċata (il-prospettiva) tal-kappella fejn kellu jiddendel dan il-kwadru, kummissjoni li kellha titwettaq fl-iqsar żmien possibbli. Hu talab is-somma ta' elf skud li kellhom jitħallsu hekk: 250 skud fi żmien erbat ijiem wara l-firma tal-ftehim[9], 500 skud waqt it-twettiq tax-xogħol u l-aħħar ammont ta' 250 skud fit-tmiem tiegħu.

Sa nhar is-16 ta' April 1851, l-induratura tal-faċċata (tal-prospettiva) tal-kappella kienet mitmuma, imżejna wkoll bil-kwadru jirrappreżenta lill-Madonna tal-Konsolazzjoni, imdawwra minn Santu Wistin, Santa Monika,

5 A(rkivju) N(utarili) V(alletta), Nut(ar). S. G. Assenza, MS. 536/26, ff. 1112-1113.

6 Din il-prokura ġiet mogħtija lil Paolo Attard fil-belt Valletta mill-perit Gaetano Xerri fil-5 ta' Novembru 1848: ibid., ff. 1095-1098.

7 Skond it-tradizzjoni kienet teżisti devozzjoni kbira lejn dawn il-qaddisin f'din il-parroċċa. L-artist Enrico Reynaud kien pitter kwadru bl-immaġini tagħhom għal dan l-iskop fl-ewwel snin tas-seklu tmintax: għal aktar dettalji, ara V. Borg, 'Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija sal-jum tal-Konsagrazzjoni Tagħha', fi Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija Storja, 57-9.

8 Fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija nsibu kwadru ieħor iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu mpitter minn Giuseppe Hyzler imdendel fl-artal tagħha. Fih naraw il-figuri ta' San Ġużepp u San Xmun Stock qiegħed jirċievi l-labtu mingħand il-Madonna: ibid., 36-8.

9 Fis-27 ta' Novembru 1850 Hyzler stqarr li kien irċieva mingħand Paolo Attard is-somma ta' 500 skud f'żewġ pagamenti - l-ewwel wieħed lejn it-8 ta' Novembru 1848 u l-ieħor xi ftit xhur wara: ANV, Nut. S. Tanti, MS. 1099/28, ff. 1158-1158v.

San Ġwakkin u Sant'Anna.[10] Hyzler irċieva l-aħħar ammont ta' 500 skud li kien baqagħlu jieħu mingħand is-sur Paolo Attard, biex imbagħad jirċevihom lura mingħand il-perit Gaetano Xerri. Biex ikun wettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu skond il-ftiehem tas-7 ta' Novembru 1848 Hyzler kien għad kellu jpitter kwadru żgħir jirrappreżenta lil Sant' Injazju għall-istess artal biss s'issa għad ma nafux jekk dan twettaqx.

Il-kwadru espost jolqtok għad-devozzjoni li jqanqal ġo fik. Fil-parti ċentrali n-naħa ta' fuq naraw żewġ anġli jinkoronaw lill-Madonna bit-tfajjel Ġesù fi ħdanha. Fil-ġenb xellugi jidhru l-ġenituri tagħha Sant'Anna u San Ġwakkin jagħtuha l-qima mistħoqqa. Fil-ġenb lemini jidhru Santa Monika għarkubbtejha u lil Santu Wistin warajha jroddu ħajr lil Marija Santissima. Fl-isfond tagħha l-pittura hi mżejna b'xena ta' pajsaġġ qalb l-għoljiet għat-tiżjin meħtieġ biex ikompli jkattar sentimenti ta' devozzjoni lejn Marija, il-konsolatriċi tal-Ħolqien.

---

10 Ibid., MS. 1099/29A, ff. 474-475.

■

SUPER Car Hire

DR. R. MIFSUD BONNICI STREET, LIJA
Tel: 2144 6004 Fax: 2144 3129
Mobile: 9949 4223 / 7944 6004

*Fully comprehensive • Unlimited Mileage • Competitive Prices • Automatic • Air-conditioned • Jeeps • Mini-Buses • etc...*